**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-ĦAMES SENA MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-Għalliem/a**

**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Riżorsi:**

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqaralhom l-istorja ***"Il-Bniedem u l-Baħar"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqaralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

**Il-ĦAMES SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

## IL-BNIEDEM U L-BAĦAR

***L-ewwel parti***

1. Spiss nisimgħu lil xi ħadd jgħid li l-baħar għandu żaqqu ratba u rasu iebsa. U bir-raġun għax, għalkemm f'diversi ġranet matul is-sajf jagħtina tant gost bil-għawm, logħob fuq ir-ramel, sajd u xi barbikju filgħaxija, jibqa' l-fatt li l-baħar jieħu l-ħajja ta' bosta nies.

2. Sa miż-żminijiet tal-qedem il-bniedem uża l-baħar bħala mezz ta' trasport. Fil-fatt, storiċi jaħsbu li l-ewwel nies f'Malta ġew minn Sqallija permezz ta' ċattri. Maż-żmien it-teknoloġija biddlet dawn iċ-ċattri f'vapuri kbar. Dawn jintużaw kemm biex iġorru merkanzija minn pajjiż għal ieħor, kif ukoll turisti li jkunu fuq xi *cruise.* Hekk il-baħar huwa mezz ta' għajxien għal bosta nies.

3. Ma' dawn wieħed irid iżid is-sajjieda li, meta jkun galbu, joħorġu bl-opri tal-baħar tagħhom biex jistadu. Meta x-xorti tidħkilhom jidħlu lura mgħobbijin bil-qabda tal-ħut – lampuki, tonn jew pixxispad, fost il-ħafna speċi ta' ħut li jinqabdu mill-ibħra Maltin.

***It-tieni parti***

4. Imma fid-dinja mhux kollox ward u żahar. Minbarra s-sogru għal ħajjithom, is-sajjieda jiffaċċjaw il-problemi ta' skarsezza ta' ħut. Fejn dari ħafna ħut sabiħ kien jinqabad mhux wisq bogħod mill-art, illum is-sajjieda jridu joħorġu 'l barra ħafna biex forsi jkollhom qabda tajba. Dan iżid ħafna l-ispejjeż tagħhom. Mhux ta' b'xejn mela li l-ħut jinbiegħ bi prezz għoli.

5. Hemm bosta raġunijiet għaliex il-ħajja fil-baħar ta' madwarna naqset sew. Fost dawn insibu s-sajd esaġerat u t-tniġġis. Għal bosta snin il-bniedem ma ħasibhiex darbtejn biex rema l-iskart tiegħu fil-baħar bla ma ta kas tal-konsegwenzi koroh li setgħu jiġru. B'xorti tajba llum bosta gvernijiet madwar id-dinja qegħdin jagħmlu sforz biex itaffu din il-problema marittima.

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Il-baħar ikun tajjeb l-iżjed għall-għawm
   - fir-rebbiegħa.
   - fis-sajf.
   - fil-ħarifa.
   - fix-xitwa.

2. Sfortunatament il-baħar huwa perikoluż għax
   - jagħti l-ħajja lin-nies.
   - jieħu l-ħajja tan-nies.
   - ikabbar il-ħajja tan-nies.
   - jipprovdi l-ikel lin-nies.

3. Il-bniedem ilu juża l-baħar bħala mezz ta' trasport
   - ħamsin sena.
   - mitt sena.
   - elf sena.
   - miż-żminijiet tal-qedem.

4. Dawk li jaħsbu li l-ewwel nies f'Malta ġew minn Sqallija huma
   - l-għalliema.
   - l-istudenti.
   - l-istoriċi.
   - l-baħrin.

5. Maż-żmien il-vapuri żviluppaw permezz
   - tal-baħar.
   - tal-qlugħ.
   - tal-bdiewa.
   - tat-teknoloġija.

6. Lampuki, tonn u pixxispad huma fost diversi speċi ta' ħut li jinqabdu
   - mill-bajjiet.
   - mill-ibħra Maltin.
   - mill-Baħar Mejjet.
   - mill-baħar baxx.

***It-tieni parti***

7. Biex is-sajjieda jaqbdu ħut sabiħ iridu joħorġu
   - mill-ilma.
   - ’l barra ħafna.
   - mal-ħbieb.
   - bil-lajma.

8. Illum il-ħut sar iżjed skars minħabba ħafna
   - għaddasa.
   - baħrin.
   - sajd u tniġġis.
   - għawm u qdif.

9. Ħafna gvernijiet qed jaħdmu biex
   - iżidu l-problema marittima.
   - jinsew il-problema marittima.
   - jaħbu l-problema marittima.
   - inaqqsu l-problema marittima.

**Aqta’ sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***“Mhux kollox ward u żahar” tfisser li***
    - l-affarijiet sbieħ mhux dejjem jiġu daqshekk faċli
    - il-ward ma jkunx żgħir
    - il-ward u ż-żahar ma ssibhomx kullimkien
    - trid il-ward u ż-żahar biex ikollok kollox

11. ***“Sogru għal ħajjithom”*** **tfisser li huwa ta’**
    - importanza għal ħajjithom
    - gost għalihom
    - interess kbir
    - riskju għall-ħajja tagħhom

12. ***“Il-bniedem ma ħasibhiex darbtejn” tfisser li***
    - ħaseb iżjed minn darba
    - dam jaħseb ħafna
    - ma qagħadx jaħseb sew x’se jagħmel
    - qagħad jaħseb u jgħodd

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-ĦAMES SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Karta ta' l-istudent/a**

**Isem u Kunjom: ________________________________________**

**Klassi: ______________________________**

| |
|---|
| Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.<br>Oqgħod attent/a l-ħin kollu.<br>Ara li tkun weġibt sewwa. |

| | | |
|---|---|---|
| Marki: | 1 – 9 | (marka kull waħda) |
| | 10 – 12 | (2 marki kull waħda) |

Total: 15-il marka

## IL-BNIEDEM U L-BAĦAR

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Il-baħar ikun tajjeb l-iżjed għall-għawm
   - fir-rebbiegħa.
   - fis-sajf.
   - fil-ħarifa.
   - fix-xitwa.

2. Sfortunatament il-baħar huwa perikoluż għax
   - jagħti l-ħajja lin-nies.
   - jieħu l-ħajja tan-nies.
   - ikabbar il-ħajja tan-nies.
   - jipprovdi l-ikel lin-nies.

3. Il-bniedem ilu juża l-baħar bħala mezz ta' trasport
   - ħamsin sena.
   - mitt sena.
   - elf sena.
   - miż-żminijiet tal-qedem.

4. Dawk li jaħsbu li l-ewwel nies f'Malta ġew minn Sqallija huma
   - l-għalliema.
   - l-istudenti.
   - l-istoriċi.
   - l-baħrin.

5. Maż-żmien il-vapuri żviluppaw permezz
   - tal-baħar.
   - tal-qlugħ.
   - tal-bdiewa.
   - tat-teknoloġija.

6. Lampuki, tonn u pixxispad huma fost diversi speċi ta' ħut li jinqabdu
   - mill-bajjiet.
   - mill-ibħra Maltin.
   - mill-Baħar Mejjet.
   - mill-baħar baxx.

***It-tieni parti***

7. Biex is-sajjieda jaqbdu ħut sabiħ iridu joħorġu
   - mill-ilma.
   - 'l barra ħafna.
   - mal-ħbieb.
   - bil-lajma.

8. Illum il-ħut sar iżjed skars minħabba ħafna
   - għaddasa.
   - baħrin.
   - sajd u tniġġis.
   - għawm u qdif.

9. Ħafna gvernijiet qed jaħdmu biex
   - iżidu l-problema marittima.
   - jinsew il-problema marittima.
   - jaħbu l-problema marittima.
   - inaqqsu l-problema marittima.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***"Mhux kollox ward u żahar" tfisser li***
    - l-affarijiet sbieħ mhux dejjem jiġu daqshekk faċli
    - il-ward ma jkunx żgħir
    - il-ward u ż-żahar ma ssibhomx kullimkien
    - trid il-ward u ż-żahar biex ikollok kollox

11. ***"Sogru għal ħajjithom"*** **tfisser li huwa ta'**
    - importanza għal ħajjithom
    - gost għalihom
    - interess kbir
    - riskju għall-ħajja tagħhom

12. ***"Il-bniedem ma ħasibhiex darbtejn" tfisser li***
    - ħaseb iżjed minn darba
    - dam jaħseb ħafna
    - ma qagħadx jaħseb sew x'se jagħmel
    - qagħad jaħseb u jgħodd

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **Il-ĦAMES SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



***Aqra sew din is-silta.***

**Mal-baħar ma tiċċajtax**



In-nannu Pawl kellu garaxx ħdejn il-baħar. Marjo kien l-għors tiegħu jmur iqatta' xi jumejn ħdejh matul il-vaganzi tas-Sajf. *(par. 1)*

Għodwa waħda, waqt li kienu qegħdin iħejju biex joħorġu jistadu bid-dgħajsa, in-nannu għolla ħuġbejh 'il fuq u qal, "Marjo, naħseb li riħ se jkollna llum. Noqogħdu attenti u ma nitbegħdux." "U iva nann," wieġeb Marjo, "illum is-Sajf u ma nistennewx maltemp." B'ton serju n-nannu qallu, "Dik tgħidhiex Marjo, għax il-baħar żaqqu ratba u … taf tkomplih il-qawl?" Marjo kien pront wieġeb, "Rasu iebsa nann!" b'għajnejh jixegħlu, ferħan li għadu jiftakar x'kien qallu n-nannu Pawl stess. *(par. 2)*

Bdew ħerġin 'il barra bil-mod u Marjo qagħad jitgħaxxaq b'dak il-baħar blù u bil-mewġ daqqa jilgħab ħelu u daqqa jħabbat ftit bil-goff mal-pruwa tad-dgħajsa. X'ħin deherlu li waslu f'post tajjeb in-nannu tefa l-mutur u bdew jistadu. Donnha x-xorti kienet magħhom illum għax bilkemm ix-xlief ta' Marjo kien għadu mess mal-qiegħ li ma qabadx paġella l-ġmiel tagħha. "Prosit Marjo," qal in-nannu hekk kif hu wkoll ħass ix-xlief tiegħu jinġibed. *(par. 3)*

Komplew jistadu, imma n-nannu l-ħin kollu moħħu fir-riħ li baqa' dejjem jiżdied. "Aħjar naqbdu u nerfgħu kollox," qal in-nannu ħin minnhom, "mal-baħar jaqbel li ma niċċajtawx." "U ejja nann, ħa noqogħdu ftit ieħor la hawn il-ħut," karab Marjo ħerqan. In-nannu, għall-kuntrarju tas-soltu, żamm iebes, ħares fiss lejn Marjo u xengel rasu. Kebbeb ix-xlief u, waqt li stenna lil Marjo jagħmel bħalu, qabbad il-mutur mingħajr telf ta' ħin. *(par. 4)*

Il-baħar issa kien beda jitqawwa sew. Marjo kellu jaqbad sew mal-ġenb tad-dgħajsa. Xi dgħajjes li kien hemm ftit 'il bogħod kollha bdew deħlin 'il ġewwa. In-nannu b'ħila kbira beda jevita l-mewġ. B'xorti tajba ma damux ma daħlu fil-bajja għall-irdoss. *(par. 5)*

Marjo ħa nifs twil 'il ġewwa. Kien qiegħed jaħbi l-biża' kemm jista'. Dar fuq in-nannu u qal: "Sewwa għedt nann, kemm jaf isir tal-biża' l-baħar!" *(par. 6)*

*A: Issa aqra, ifhem u wieġeb b'**sentenzi sħaħ**.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(13-il marka)***

1. Fejn kien il-garaxx li kellu n-nannu Pawl? *(par. 1)* ____________________
   ____________________________________________ (1)

2. Għalfejn kienu ħerġin bid-dgħajsa Marjo u n-nannu? *(par. 2)*
   ____________________________________________ (1)

3. F'liema staġun ġrat din l-istorja? *(par. 2)* ____________________
   ____________________________________________ (1)

4. Sib aġġettiv li jiddeskrivi l-baħar. *(par. 3)* _______________ (1)

5. X'ħuta qabad Marjo? *(par. 3*) ____________________
   ____________________________________________ (1)

6. Fiex kien moħħu n-nannu waqt li kienu qegħdin jistadu? (*par. 4*)
   ____________________________________________ (1)

7. Għaliex in-nannu startja l-mutur mingħajr telf ta' ħin? (*par. 4*)
   ____________________________________________ (1)

8. Min beda jaħbi l-biża' ġewwa fih? (*par. 6*) ____________________
   ____________________________________________ (1)

9. Mis-silta sib l-espressjonijiet li jfissru dawn:
   il-gost tiegħu *(par. 1)* - ____________________
   sabiħa ħafna *(par. 3)* - ____________________
   ma ċediex *(par. 4)* - ____________________ (3)

10. Agħti kelma li tfisser eżatt bħall-idjoma "b'għajnejh jixegħlu". *(par. 2)*
    ____________________________________________ (1)

11. X' tagħlima ħadt dwar il-baħar minn dan ir-rakkont?
    ____________________________________________
    ____________________________________________ (1)

*B: **Immarka b'salib** ħdejn kull sentenza taħt Veru jew Falz.* ***(8 marki)***

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| 1. | In-nannu Pawl u Marjo kienu jħobbu jistadu. *(par. 2)* | X | |
| 2. | In-nannu beda jibża' li ser jitqawwa r-riħ. *(par. 2)* | | |
| 3. | Marjo ma kien jiftakar xejn milli kien jgħidlu n-nannu. *(par. 2)* | | |
| 4. | Meta ħarġu jistadu Marjo u n-nannu Pawl ma qabdux ħut. *(par. 3)* | | |
| 5. | Marjo ried jibqa' jistad iżjed. *(par. 4)* | | |
| 6. | In-nannu dam ħafna biex startja l-mutur. *(par. 4)* | | |
| 7. | In-nannu ma kienx jaf isuq id-dgħajsa sew. *(par. 5)* | | |
| 8. | X'ħin daħlu fil-bajja sabuha kennija. *(par. 5)* | | |
| 9. | Marjo ħa gost bil-baħar imqalleb. *(par. 6)* | | |

*Ċ: Mir-rakkont sib kelma **waħda** li tfisser:* ***(7 marki)***

1. btajjel *(par. 1)*________________________________________
2. jippreparaw *(par. 2)* ____________________________________
3. jieħu gost jara *(par. 3)* ___________________________________
4. il-parti ta' quddiem tad-dgħajsa *(par. 3)*________________________
5. bil-maqlub *(par. 4)*________________________________________
6. ċaqlaq 'l hemm u 'l hawn *(par. 4)*____________________________
7. kenn *(par. 5)*__________________________________________

| | |
|---|---|
| *D: Oħroġ* ***verb mill-għerq*** *f'din is-silta.* | ***(5 marki)*** |



Ħafna nies *joħorġu* **(ħ-r-ġ)** jistadu bid-dgħajjes tagħhom. Jieħdu gost ħafna meta __________________ **(q-b-d)** l-ħut. Xi nies __________________ **(q-s-m)** l-ħut żejjed li jkollhom ma' ħbiebhom. Il-ħbieb _______________ **(f-r-ħ)** ħafna meta jirċievu l-ħut. Huma jsajru dan il-ħut b'xi sinna tewm friska. F'nofsinhar, wara xi ikla ħut tajba, bosta nies _______________ **(x-r-b)** xi xarba friska u ____________ **(r-q-d)** raqda ħelwa.

| | |
|---|---|
| *E: Oħroġ* ***nom mill-verbi*** *li jidhru skuri.* | ***(5 marki)*** |

Marjo u n-nannu Pawl ta' spiss kienu **joħorġu** __ħarġa__ bid-dgħajsa tan-nannu. Li kieku ma qamx ir-riħ, dakinhar kienu **jaqbdu** _______________ ħut tajba. Meta waslu fuq il-post **tefgħu** __________________ x-xlief, u qabdu l-ewwel ħuta. Ir-riħ żdied u n-nannu ried jerfa' kollox u jitilqu. Marjo ma xtaqx jitlaq u kollu ħerqan **karab** ______________ biex jibqgħu hemm. Iżda n-nannu **ħares** ________________ fissa lejh biex jurih li kellu jobdi. Il-baħar tant tqawwa li Marjo kellu jaqbad mal-ġenb tad-dgħajsa. Id-dgħajjes kollha bdew **deħlin** fid-______________ tal-bajja.



*F: Agħti l-**maqlub*** tal-kliem fil-parentesi. Tista' tuża kelma waħda jew aktar. ***(6 marki)***



Marjo kien (**jobgħod**) iħobb ħafna lin-nannu Pawl. In-nannu Pawl kien bniedem (**kattiv**) ________________ u ċajtier. It-tnejn kienu (**jiddejqu**) ________________ ħafna meta jmorru jistadu. Meta jaraw il-(**bnazzi**) ____________________ qatt ma kienu jmorru jistadu. Kienu spiss jaqbdu ħut (**ikrah**) _______________. Marjo (**qatt**) ____________________ kien jobdi lin-nannu Pawl f'dak kollu li jgħidlu. In-nannu Pawl dejjem xtaq lil Marjo ħafna (**deni**) __________.

*Ġ: **Imla l-vojt.*** ***(10 marki)***

Fis-sajf _______________ nies iħobbu jmorru _______________ baħar. Jiena nħobb immur ngħum l-Għadira. _______________ drabi nieħu l-qasba miegħi _______________ nsibha diffiċli ħafna _______________ naqbad il-ħut minħabba _______________ l-bajja tkun mimlija nies _______________ dgħajjes. Nipprova nsib post _______________ kwiet u, għalkemm _______________ naqbadx ħut daqskemm nixtieq, _______________ waħda nħossni kuntent.

| |
|---|
| *G: Aqra sewwa.*<br>*Ara x'hemm fil-parentesi.*<br>*Sib it-tweġiba t-tajba.*<br>***Wara imla l-vojt.*** ***(11-il marka)*** |



Din hija l-istorja *(agħżel **ta', ta, taha**)* __________ Marjo. In-nannu Pawl kellu *(kelma li tfisser dgħajsa żgħira **frejgatina, bastiment, skuna**)* ______________. Marjo u n-nannu kienu jħobbu ħafna *(ikteb l-artiklu)* _____ baħar u *(ikteb l-artiklu)* _____ sajd. Mhux l-ewwel darba li *(verb fil-passat mill-għerq **q-b-d**)* ____________ xi ħuta sabiħa. Ta' sikwit in-nannu Pawl u Marjo kienu *(ikteb **verb**)* ___________ xi żewġ *(plural ta' **ħuta**)* _________ tajbin. Meta n-nannu Pawl kien iwiegħed lil Marjo li se jieħdu jistad dejjem kien iżomm *(**kelma waħda** flok* 'il-kelma tiegħu'*)* ______________. In-nannu dejjem kien ifakkar lin- *(kelma flok **it-tifel tat-tifel tiegħu**)* __________ tiegħu li l-baħar żaqqu *(**barra, ħoxna, ratba**)* ______________ u rasu _____________ *(**iebsa, soda, ferma**)*.

| |
|---|
| *GĦ: Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti:* ***(20 marka)*** |

1. **Nhar ta' Ħadd.**
   *Irrakkonta dwar kif inti normalment tqatta' l-ġurnata tal-Ħadd.*

2. **Maltempata fuq il-baħar.**
   *Ikteb storja dwar sajjieda li ħarġu jistadu u qabadhom il-maltemp. Għid kif irnexxielhom isalvaw.*

3. **Jiena ħuta.**

*Għid x'tip ta' ħuta int, fejn tgħix, x'avventuri tgħaddi minnhom, l-emozzjonijiet tiegħek bħala ħuta.*

4. **Safra**

*Irbaħt safra mal-ġenituri tiegħek. Liema destinazzjoni tagħżel, għalfejn għażilt dan il-post u x'hemm li tixtieq tara ħafna. Kif tipprepara ruħek għal dan l-avveniment u x'taħseb li se tieħu miegħek.*

5. **Darba tiġik tajba.**

*Irrakkonta l-istorja ta' dan it-tifel. L-istampi jistgħu jgħinuk. Oħroġ tagħlima minn din l-istorja dwar l-imġiba tagħna fit-triq.*



***Tmiem il-Karta***